MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Numru. 1215/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**KONTRA**

**DAVID LIBRERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

David Libreri ta’ 32 sena, bin Vincent u Irene nee’ Bonnici, mwieled fis- 6 ta’ Ottubru 1978, residenti Gianluca Court Flat 7, Triq il- Gabbillott, Swieqi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 511878M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fl- 1 ta’ Novembru 2010 u fix- xhur ta’ qabel, gewwa Floriana u bnadi ohra f’ dawn il- Gzejjer, impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kienx/ kenitx persuna ezenti u li ma kelliex licenzja moghtija lilha ghal dak l- impjieg jew xoghol skond id- disposizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) Kif ukoll that l- istess crikostanzi, bhala persuna responsabbli li kien qed isir gewwa fond f’ FLoriana u nhawi ohra f’ Malta, mpjega persuna li ma kienitx cittadin ta’ Malta meta din il- persuna ma kelliex permess validu u ufficjali;

3) Aktar atlli fl- istess cirkostanzi bhala principal jew persuna li timpjega persuni ohra, full time, part time jew xort’ ohra b’ kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill- Korporazzjoni tax- xoghol u tahrig b’ dan l- impieg kif hemm stabbilitx fl- Avviz Legali 110 tas- sena 1993;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dawn it-tip ta’ kawzi ftit ihallu lok ghad-difiza tipprova tezimi ruhha mir-responsabbilta’ penali. F’dan il-kaz irrisulta li l-imputat kien ghal kollox in buona fede meta haddem mieghu lil persuna ta’ nazzjonalita’ sudaniza, tant li dan l-impjegat kien intbaghat jaghti servizz fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Jidher, izda, li l-karti tal-impieg ma kienux regolari, u ghalhekk l-imputazzjoni ser tirrizulta ppruvata. L-unika difiza li forsi seta’ kellu l-imputat kienet li hu ha l-prekawzjonijiet kollha biex dan ir-reat ma jitwettaqx, haga li difficilment seta’ jipprovaha. L-unika raguni li kellu l-imputat kienet li hu ma kienx jaf lid an l-impjegat ma kienx registrat regolarment mal-awtoritajiet, izda dan il-fatt messu kien jaf bih bhala direttur ta’ kumpannija li thaddem in-nies. Ghalhekk, l-imputat ma kellux triq ohra hlief li jirregistra ammissjoni, u l-Qorti sejra taghti l-piena fil-minimu taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikolu 217 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta u l- Avviz Legali 110 tas- sena 1993 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ elf, mija u hamsa u sittin ewro (€1,165).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------